

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għandu jbatis l-ispejjeż rispettivi tiegħu sostnati quddiem il-Qorti Ġenerali.
- 3) Ardagħ Metal Beverage Holdings GmbH & Co. KG għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha sostnati quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll l-ispejjeż indispensabbi sostnati għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

(<sup>1</sup>) ĠU C 399, 25.11.2019.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2021 – Skyliners vs EUIPO – Sky (SKYLINERS)

(Kawża T-15/20) (<sup>1</sup>)

*("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea SKYLINERS – Trade marks verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea SKY – Raġuni relativa għal rifjut – Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 41(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li saru l-Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 46(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Awtorizzazzjoni sabiex titressaq opożizzjoni)*

(2021/C 329/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrent: Skyliners GmbH (Francfort-sur-le-Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Renck u C. Stöber, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Folliard-Monguiral u V. Ruzek, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Sky Ltd (Isleworth, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. Zalewska, avukat, u A. Brackenbury, solicitor)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Ottubru 2019 (Każ R 798/2018-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Sky u Skyliners.

## Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tad-29 ta' Ottubru 2019 (Każ R 798/2018-4) hija annullata.
- 2) L-EUIPO u Sky Ltd għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess kif ukoll, flimkien, dawk esposti minn Skyliners GmbH.

(<sup>1</sup>) ĠU C 61, 24.2.2020.